**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 101/08VG**

**Dr. Francis Zammit Dimech**

**Vs**

**Dr. Alfred Sant**

**Illum 7 ta' Jannar 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Dr. Francis Zammit Dimech fis-26 ta' Frar 2008 permezz ta' liema jitlob li, prevja dikjarazzjoni li l-kliem ta' Dr. Alfred Sant trasmess fit-23 ta' Frar 2008 fuq il-website ta' The Times of Malta u riportat f'The Sunday Times ta' l-24 ta' Frar 2008, anness mar-Rikors bħala Dok. "A", huwa libelluż u malafamanti fil-konfront tiegħu u għandu bħala skop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tiegħu, tikkundanna lil Dr. Alfred Sant iħallsu dik is-somma determinata u likwidata mill-Qorti bħala danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Liġi dwar l-Istampa, Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-ispejjeż kontra Dr. Alfred Sant;

Rat l-intervista lil Dr. Alfred Sant ippubblikata fil-ħarġa ta' The Sunday Times ta' l-24 ta' Frar 2008 intitolata "The only way is us" annessa bħala Dok. "A" mar-Rikors promotur a fol. 2 tal-proċess;

Rat ir-Risposta tal-konvenut permezz ta' liema jeċċepixxi li: (a) preliminarjament il-*lis alibi pendens* billi l-attur diġà pproċeda fuq l-istess pubblikazzjoni b'azzjoni oħra bir-Rikors Nru. 95/08JAB; (b) f'kull kaz u mingħjar preġudizzju, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fil-liġi; (ċ) illi f'kull kaz ukoll ma kienx hu li ppubblika l-istampat indikat mill-attur; (d) in oltre u mingħajr preġudizzju, il-pubblikazzjoni imsemmija mill-attur ma hijiex libelluża fil-konfront tiegħu; u (e) subordinatament u bla preġudizzju, il-pubblikazzjoni tikkonsisti f'espressjoni ta' l-opinjoni u apprezzament, jew *value judgement*, kif ukoll kritika politika dwar l-amministrazzjoni pubblika u hija *fair comment* fuq materja ta' interess pubbliku, ammissibbli kemm taħt il-Liġi ta' l-Istampa kemm taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem;

Rat id-dokument, ossia kopja tar-Rikors fl-ismijiet "Dr. Lawrence Gonzi et v. Dr. Alfred Sant" Rik. Nru. 95/08, esebit mill-konvenut permezz ta' Nota ppreżentata fil-25 ta' Settembru 2008 a fol. 14 u 15 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Herman Grech mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Marzu 2009[1] u semgħet ir-*recording* ta' l-intervista tal-konvenut esebit minn Herman Grech bħala Dok. "HG" a fol. 24 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-attur mogħtija waqt is-seduti ta' l-10 ta' Marzu 2009[2], tas-27 ta' Ottubru 2009[3] u tat-13 ta' Jannar 2014[4], rat l-affidavit tal-konvenut esebit permezz ta' Nota ppreżentata fis-16 ta' Settembru 2009 a fol. 29 sa' 35 tal-proċess u semgħet ix-xhieda tal-konvenut mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Settembru 2009[5];

Rat id-dikjarazzjoni tad-difensur ta' l-attur waqt is-seduta tas-6 ta' Novembru 2008, fis-sens illi ġiet ippreżentata Nota ta' Cessjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) diversament presjeduta fir-Rikors bin-Numru 95/08JAB[6];

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proċeduri odjerni l-attur jitlob li prevja dikjarazzjoni li l-kliem tal-konvenut trasmess fit-23 ta' Frar 2008 fuq il-website ta' The Times of Malta u riportat f'The Sunday Times ta' l-24 ta' Frar 2008, huwa libelluż u malafamanti fil-konfront tiegħu u għandu bħala skop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tiegħu, l-istess konvenut jiġi kkundannat iħallsu dik is-somma determinata u likwidata mill-Qorti bħala danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Liġi dwar l-Istampa, Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-konvenut jilqa' għall-azzjoni attriċi bis-segwenti eċċezzjonijiet: (a) preliminarjament il-*lis alibi pendens* billi l-attur diġà pproċeda fuq l-istess pubblikazzjoni b'azzjoni oħra bir-Rikors Nru. 95/08JAB; (b) f'kull kaz u mingħjar preġudizzju, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fil-liġi; (ċ) illi f'kull kaz ukoll ma kienx hu li ppubblika l-istampat indikat mill-attur; (d) in oltre u mingħajr preġudizzju, il-pubblikazzjoni imsemmija mill-attur ma hijiex libelluża fil-konfront tiegħu; u (e) subordinatament u bla preġudizzju, il-pubblikazzjoni tikkonsisti f'espressjoni ta' l-opinjoni u apprezzament, jew *value judgement*, kif ukoll kritika politika dwar l-amministrazzjoni pubblika u hija *fair comment* fuq materja ta' interess pubbliku, ammissibbli kemm taħt il-Liġi ta' l-Istampa kemm taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem.

[1] Fol. 22 u 23 tal-proċess.
[2] Fol. 25 u 26 tal-proċess.
[3] Fol. 39 u 40 tal-proċess.
[4] Fol. 71 tal-proċess.
[5] Fol. 36 u 37 tal-proċess.
[6] Fol. 17 tal-proċess.

Il-kliem hawn kontestat mill-attur ingħad mill-konvenut f'intervista minnu rilaxxata lill-ġurnalist ta' The Times of Malta Herman Grech, liema intervista ġiet trasmessa fuq il-webiste ta' The Times of Malta fit-23 ta' Frar 2008 u ġiet pubblikata bit-titolu "The only way is us" fil-harġa ta' The Sunday Times ta' l-24 ta' Frar 2008[7]. F'din l-intervista l-konvenut, in risposta ghal serie ta' mistoqsijiet li sarulu mill-ġurnalista, iddikjara s-segwenti:

*One of the Labour Party's electoral battle cries is its zero tolerance to corruption. How would you define corruption?*

*Corruption is when you gain economic advantage for yourself or your family, financial advancements, in terms of contacts, the way you manipulate the public system, the kickbacks you get from contracts ... how you can eventually become rich.*

*One of your party's billboards depicts the faces of the PN Cabinet with the word 'corruption' on top. Do you have proof to back up these claims?*

*Well, look at (Infrastructure Minister) Ninu Zammit. He got €163,000 (Lm70,000) compensation for something which happened in 1987/1988 using a law that came into force in 1992.*

*Is that corruption?*

*Of course. One of the first things you do when you're a minister is that you watch out and be transparent with what you do with your personal affairs. And if you get something out of the system which really doesn't belong to you...*

***What about the other people on the billboard? You've got (Health Minister) Louis Deguara, (Tourism Minister) Francis Zammit Dimech. Are they corrupt?***

***Look at Francis Zammit Dimech, for instance. Part of the kickbacks from the MTV concert contracts went into his campaign. He used Where's Everybody financed through the MTV campaign to finance his own public relations campaign. Isn't that corruption?***[8]

*Do you have proof for this?*

*Well, we'll show it if people ask us for it.*

*I'm asking you. Can I see it?*

*It's well known all over the place.*

---

[7] Dok. "A" a fol. 2 tal-proċess u xhieda mogħtija minn Herman Grech waqt is-seduta ta' l-10 ta' Marzu 2009, fol. 22 u 23 tal-proċess.
[8] Enfasi tal-Qorti.

*Where?*

*In Malta.*

*If I ask you that I'd like to see this evidence of corruption, would you give it to me?*

*It's not evidence. It's something that people know.*

*There's a difference between people 'knowing it' and actually seeing it (the evidence). They 'know it' because they hear you say it.*

*As an investigative, independent journalist you should know about these rumours and claims and investigate them. That's why corruption grows.*

*You also insinuated that (Parliamentary Secretary) Tonio Fenech was connected with maladministration and corruption in connection with the Good Causes Fund…*

*Maladministration and corruption are related. Come off it. If you have a Good Causes Fund to supposedly aid causes that go towards the Renal Unit, orphanages and so on, and then you give €20,000 to guys who are supposedly in business, like Eddie Aquilina, the guy who publishes big coffee table books. He is a PN stalwart. Why does that happen? Don't tell me that's not related to corruption. Of course it is!*

*Funds from the Good Causes Fund are not precluded from going to commercial companies as long as the purpose falls within its terms of reference.*

*The guidelines are drawn up by the Finance Ministry. The guy who runs the Good Causes Fund as chairman is Tonio Fenech's sidekick. Come off it. Then who gets some of those funds? Guys like Eddie Aquilina, of course.*

*But the word used is 'corruption' not 'maladministration'.*

*As Eddie Fenech Adami once said: if you tolerate corruption, then you're corrupt yourself.*

***So you're convinced that the Cabinet is corrupt?***

***Yes[9].***

Fir-rigward ta' din l-intervista l-attur iddikjara: *nixtieq ngħid li jiena ħassejt ruħhi inġurjat għaliex fl-aċċenn ta' l-intervista fil-konfront tiegħi huwa li jiena korrott u li wettaqt korruzzjoni b'mod dirett jew indirett. Hemm riferenza partikolari għall-kuntratt li sar ma' l-MTV liema kuntratt kien jinvolvi xi xogħol li sar ma' l-Where's Everybody. L-allegazzjoni kienet li jiena wżajt dan il-kuntratt biex tkun*

[9] Enfasi tal-Qorti.

*iffinanzjata parti mill-kampanja tiegħi. Din l-allegazzjoni hija fit-tielet kolonna ta' l-intervista, it-tieni domanda ta' dik il-kolonna. Jien effettivament saħansitra anke issemmejt b'ismi u kien hemm aċċenni għalija f'parti oħra ta' l-intervista fejn saħansitra anke jsemmi l-kabinett b'mod kollettiv b'mod korrott u jiena dak iż-żmien kont nifforma parti mill-kabinett. Hemm domanda speċifika fit-tielet kolonna fil-parti t'isfel. M'huwiex konvint li l-kabinett huwa korrett, huwa wieġeb Iva. ... Jien niċħad bl-iktar mod kategoriku li kien hemm kwalsiasi aġir skorrett u wisq inqas korrott da parti tiegħi b'mod personali u bħala parti mill-kabinett kif allegat fil-konfront tiegħi minn Dr. Alfred Sant*[10].

Meta reġa' xehed waqt is-seduta tas-27 ta' Ottubru 2009[11], l-attur iddikjara ulterjorment illi: *nixtieq ngħid li l-Ministeru tat-Turizmu kien ġie avviċinat sabiex iħejji l-MTV hawn Malta u dan direttament minn barra u dan bħala attrazzjoni turistika li jiġi imsemmi bħala Isle of MTV u fil-fehma tiegħi dan kien jistħoqqlu l-appoġġ minħabba l-pubbliċità kbira li kien se jagħti tali avveniment però bħala Ministeru u lanqas personalment ma sar l-ebda ... lil MTV bħala organizzaturi lil min kellhom iqabbdu Malta sabiex jirrappreżentawhom min eventwalment seta' kien involut bħala subcontractor kif fil-fatt kien parti mill-outside broadcasting. Nixtieq ngħid li l-kuntratti li saru mas-subcontractor saru direttament mill-MTV mas-subcontractors. MTV ma' G7 u sussegwentement G7 mas-subcontractors però il-Ministeru jew jien personalment ma dħalna bl-ebda kuntratt.* Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-13 ta' Jannar 2014[12], l-attur iċċara aspett partikolari tat-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tas-27 ta' Ottubru 2009 ossia li *fejn hemm 'ma sar l-ebda puntini mill-MTV', il-kelma jew almenu s-sens tal-kelma li kont qed nixhed dakinhar kien li ma sar l-ebda suġġeriment. Nippreċiza meta ngħid li ma sar l-ebda suġġeriment evidentement wisq anqas pressjoni.*

Huwa a bażi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li l-attur istitwixxa l-proċeduri odjerni fil-konfront tal-konvenut.

Kif ġià iktar 'l fuq osservat, il-konvenut jilqa' għat-talbiet ta' l-attur bl-eċċezzjoni preliminari tal-*lis alibi pendens* in vista tal-proċeduri bir-Rikors Nru. 95/08JAB dwar l-istess pubblikazzjoni.

Hekk kif evidenzjat mill-konvenut bin-Nota ppreżentata fil-25 ta' Settembru 2008[13], fid-29 ta' Frar 2008 Dr. Lawrence Gonzi, Dr. Tonio Borg, Dr. Louis Galea, Dr. Francis Zammit Dimech, Censu Galea, Ninu Zammit, Giovanna Debono, Dr. Louis Deguara, Dr. Austin Gatt, George Pullicino, Jesmond Mugliett, Dolores Cristina u Dr. Michael Frendo, kienu istitwew proċeduri bir-Rikors Nru. 95/08 fil-konfront ta' Dr. Alfred Sant, konvenut ukoll fil-proċeduri odjerni, sabiex prevja li l-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kliem ta' Dr. Alfred Dant trasmess fit-24 ta' Frar 2008 fuq il-website ta' The Times of Malta u riportat f' "The Sunday Times" ta' l-24 ta' Frar 2008 (Dok. A) huwa libelluż u malafamanti fil-konfront tagħhom u għandu bħala skop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tagħhom, l-istess Dr. Alfred Sant jiġi

[10] Xhieda mogħtija mill-attur waqt is-seduta ta' l-10 ta' Marzu 2009, fol. 25 u 26 tal-proċess.
[11] Fol. 39 tal-proċess.
[12] Fol. 71 tal-proċess.
[13] Fol. 14 u 15 tal-proċess.

ikkundannat ihallas lil kull wieħed minnhom dik is-somma li tiddetermina l-Qorti bħala danni morali a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Liġi dwar l-Istampa, Kap.248 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-mertu ta' dawk il-proċeduri, li fihom kien involut l-attur odjern *qua* wiehed mill-atturi, u li kienu diretti fil-konfront tal-konvenut odjern (eadem personae), kienet l-intervista rilaxxata mill-konvenut lill-ġurnalist ta' The Times of Malta Herman Grech trasmessa fuq il-webiste ta' The Times of Malta fit-23 ta' Frar 2008 u ippubblikata bit-titolu "The only way is us" fil-harġa ta' The Sunday Times ta' l-24 ta' Frar 2008, ossia l-istess intervista mertu tal-proċeduri odjerni (eadem res), u t-talbiet hemm avvanzati kontra l-konvenut ukoll kienu identiċi ghat-talbiet avvanzati kontra tiegħu fil-proceduri odjerni. Huwa evidenti għalhekk li hawn jissussistu l-elementi tal-*lis alibi pendens*.

Kif osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **"Marsaxlokk Sailing Club Company Limited v. J and H Company Limited" Ċitaz. Nru. 763/03** deċiża fit-30 ta' Ġunju 2004: *l-eċċezzjoni ta' lis alibi pendens hi bażata fuq l-artikolu 792 tal-Kap.12 li jipprovdi li: '**meta titressaq kawża quddiem Qorti kompetenti, wara li tkun tressqet kawża oħra fuq l-istess oġġett quddiem Qorti kompetenti oħra, il-kawża mressqa l-aħħar tista' tiġi mibgħuta lil dina l-Qorti l-oħra**[14]". L-elementi biex tiġi stabilita dina l-eċċezzjoni huma: 1. Li l-kawża trid tkun bejn l-istess partijiet u dawn ikunu qed jagixxu fl-istess kwalità - eadem personae; 2. Irid ikun hemm - eadem res; 3. It-talbiet irid ikollhom l-istess talba - idem ius, easdem causa petendi u dawn iridu jirriżultaw 'ictu oculi'.*

Fil-kaz in ezami però, minkejja l-fatt li kjarament jissussistu, jew ta' l-inqas fiż-żmien tal-preżentata tar-Risposta tal-konvenut f'dawn il-proċeduri kienu jissussistu l-elementi tal-*lis alibi pendens,* l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut illum tilfet kull riljiev u rilevanza ghar-raġuni li kif jirriżulta mill-verbal tas-seduta tas-6 ta' Novembru 2008[15], il-proċeduri fl-ismijiet "Dr. Lawrence Gonzi et v. Dr. Alfred Sant" Rik. Nru.95/08 kienu ġew ċeduti u baqghu pendenti biss il-proċeduri odjerni. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti għandha tastjeni, u fil-fatt qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-eċċezzjoni preliminari tal-*lis alibi pendens* sollevata mill-konvenut.

In kwantu rigwarda l-mertu tal-proċeduri odjerni, filwaqt li l-konvenut ma jiċhadx li rrilaxxa intervista lill-ġurnalist ta' The Times of Malta Herman Grech fi Frar ta' l-2008 u li f'dik l-intervista qal dak effettivament riportat fil-harġa ta' The Sunday Times ta' l-24 ta' Frar 2008, huwa jikkontendi li l-azzjoni attriċi ma tistax tirnexxi fil-konfront tiegħu in kwantu ma kienx hu li ppubblika l-istampat indikat mill-attur.

A tenur ta' l-Artikolu 23 tal-Kap.248 tal-Liġijiet ta' Malta kif applikabbli għall-każ in eżami: *l-azzjoni kriminali għal xi reat taħt it-Taqsima II u l-azzjoni ċivili taħt it-Taqsima III ta' dan l-Att tista' tittieħed kontra kull waħda minn dawn il-persuni li ġejjin: (a) l-awtur tal-kitba, jekk huwa jkun kitibha sabiex tiġi ppubblikata, jew*

[14] Enfasi ta' din il-Qorti.
[15] Fol. 17 tal-proċess.

*jekk ikun ta l-kunsens tiegħu għal hekk; (b) l-editur; jew jekk dawn il-persuni ma jkunux jistgħu jiġu identifikati, (ċ) ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni.* L-Artikolu 24A ta' l-istess imsemmi Kapitolu tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi ulterjorment illi: *l-azzjonijiet kriminali u ċivili msemmija fl-artikolu 23 jistgħu jittieħdu wkoll kontra kull persuna li tkun għamlet diskors pubbliku f'ċirkostanzi fejn hija tkun taf jew raġonevolment setgħet tkun taf jew tistenna li l-kontenut tiegħu se jiġi pubblikat f'gazzetta jew f'mezz tax-xandir u fil-fatt ikun kollu jew parti minnu hekk ipubblikat.*

Mill-provi prodotti tul is-smigħ tal-proċeduri u b'mod partikolari mix-xhieda ta' Herman Grech, il-gurnalist li għamel l-intervista lill-konvenut, jirriżulta li l-intervista in kwistjoni kienet waħda b'tema u ta' natura politika u li finalment kienet intiża biex tiġi ppubblikata fil-gazzetta/i ta' The Times of Malta. In effetti fir-rigward Herman Grech xehed *nikkonferma li kont ħadt intervista tal-Labour Leader Dr. Alfred Sant nhar l-24 ta' Frar 2008 liema intervista tinsab rappurtata fil-gazzetta The Sunday Times esebita f'dawn l-atti mmarkata bħala dokument A. Mistoqsi jekk jiena fil-fatt kontx infurmajt lil Dr. Alfred Sant illi din l-intervista kienet se tiġi rappurtata ngħid illi iva effettivament kont infurmajtu. Effettivament kienet xi fortnight qabel l-elezzjoni u konna ftehmna li konna se ninterviestaw il-leaders kollha tal-partiti. Fil-fatt nixtieq ngħid li Dr. Alfred Sant kien jaf li qed jiġi rrekordjat u saħansitra anke konna ħadna video ta' l-intervista. … Mistoqsi ngħid jekk dak li huwa rrappurtat pubblikat huwiex dak li effettivament qal Dr. Alfred Sant b'mod verbatim ngħid illi iva fil-fatt hekk hu. Ngħid illi in segwitu konna saħansitra ppubblikajna excerpts minn dak li kien qal Dr. Alfred Sant fil-website. Il-video in kwistjoni juri l-intervista mill-bidu sa' l-aħħar u m'hijiex edijata*[16]. Dak affermat minn Herman Grech ma ġie bl-ebda mod kontestat u/jew kontradett mill-istess konvenut, anzi fl-affidavit tiegħu huwa jirreferi ghall-intervista bħala *l-intervista li tajt lis-Sunday Times fi Frar 2008*[17].

Fil-fehma tal-Qorti għalhekk, l-intervista in kwistjoni tikkwalifika bħala diskors pubbliku u dana billi għad illi saret bejn tnejn min-nies, ossia Herman Grech u l-konvenut, din l-istess intervista kienet qed tiġi *recorded* u l-konvenut kien a konoxxenza ta' u konsapevoli mill-fatt li l-intervista kienet se tiġi mxandra pubblikata mill-gazzetta The Times of Malta. In effetti l-intervista saret pubblika hekk kif ġiet imxandra fuq il-*webiste* ta' The Times of Malta u ppubblikata fil-harġa ta' The Sunday Times ta' l-24 ta' Frar 2008. Ladarba l-intervista tikkwalifika bhala diskors pubbliku, japplika dak provdut fl-Artikolu 24A tal-Kap.248 tal-Liġijiet ta' Malta u cioè *l-azzjonijiet kriminali u ċivili msemmija fl-artikolu 23 jistgħu jittieħdu wkoll kontra kull persuna li tkun għamlet diskors pubbliku f'ċirkostanzi fejn hija tkun taf jew raġonevolment setgħet tkun taf jew tistenna li l-kontenut tiegħu se jiġi pubblikat f'gazzetta jew f'mezz tax-xandir u fil-fatt ikun kollu jew parti minnu hekk ipubblikat.*

L-interpretazzjoni tal-fatti odjerni ma tistax tkun mod ieħor għaliex kif osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Marlene Mizzi v. Onorevoli Agostino Pio sive Austin Gatt Avviż Nru. 433/05** deċiża fid-9 ta'

[16] Fol. 22 u 23 tal-proċess.
[17] Fol. 30 tal-proċess.

Mejju 2008, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) b'sentenza pronuncjata fit-12 ta' Dicembru 2008, interpretazzjoni mod ieħor tkun tfisser *li jekk bniedem, waqt intervista juża kliem dispreġjattiv u malafamanti fil-konfront ta' bniedem ieħor, u tali intervista tiġi pubblikata, il-persuna li tkun għamlet tali malafama, ma tkunx responsabbli għal dak li tkun stqarret. Dan fil-fehma tal-Qorti ma huwiex l-ispirtu tal-liġi.*

Fid-dawl ta' dan appena osservat għalhekk isegwi li t-tielet eċċezzjoni sollevata mill-konvenut għandha tiġi miċħuda.

Il-konvenut jikkontendi wkoll li fi kwalunkwe kaz il-pubblikazzjoni in kwistjoni ma hijiex libelluża fil-konfront ta' l-attur in kwantu tikkonsisti f'espressjoni ta' l-opinjoni w apprezzament jew *value judgement* kif ukoll kritika politika dwar l-amministrazzjoni pubblika u hija *fair comment* fuq materja ta' interess pubbliku, ammissibbli kemm taħt il-Liġi ta' l-Istampa kemm taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem.

Huwa ormai assodat fis-sistema guridika nostrali li d-difiża sollevata mill-konvenut għall-azzjoni attriċi hija regolata bis-segwenti prinċipji guridiċi: *freedom of expression constitutes one of the essential foundations of a democratic society and one of the basic conditions for its progress and each individual's self-fulfilment. Subject to paragraph 2 of Article 10, it is applicable not only to 'information' or 'ideas' that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference but also to those that offend, shock or disturb. Such are the demands of that pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no 'democratic society'. As set forth in Article 10, this freedom is subject to exceptions, which must, however, be construed strictly, and the need for any restrictions must be established convincingly* - **Chauvy and Others v. France,** deċiża mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fid-29 ta' Ġunju 2004. Meta imbagħad il-kritika hija diretta lejn politiku l-prinċipju regolatur huwa: *freedom of political debate is at the very core of the concept of a democratic society which prevails throughout the Convention. The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large and he must consequently display a greater degree of tolerance. No doubt Article 10 para. 2 (art 10-2) enables the reputation of others - that is to say, of all individuals - to be protected, and this protection extends to politicians too, even when they are not acting in their private capacity; but in such cases the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interests of open discussion of political issues* - **Ligens v. Austria**, deċiża mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniwdwm fit-8 ta' Lulju 1986.

Il-kunċetti ta' *value judgement, statement of fact* u *fair comment* u l-mod kif dawn japplikaw flimkien u vis-à-vis xulxin, huma r-regolati bis-segwenti prinċipju: *in order to assess the justification of the statements in question, a distinction needs to be made between statements of fact and value judgement, in that, while the existence of facts can be demonstrated, the truth of value judgements is not*

*susceptible of proof. The requirement to prove the truth of a value judgement is generally impossible to fulfil and infringes freedom of opinion itself, which is a fundamental part of the right secured by Article 10 . … The classification of a statement as a fact or a value judgement is a matter which in the first place, falls within the margin of appreciation of the national authorities, in particular the domestic courts. … H**owever, even where a statement amounts to a value judgement, there must exist a sufficient factual basis to support it, failing which it may be excessive***[18] - **Sizma v. Hungary**, deċiża mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem f'Ottubru 2012.

Fil-ktieb "Libel and Slander" Gatley ittratta n-natura ta' *fair comment* bil-mod segwenti: *A comment is a statement of opinion on facts. It is comment to say that a certain act which a man has done is disgraceful or dishonourable; it is an allegation of fact to say that he did the act so criticised. "A libellous statement of fact is not a comment or criticism on any thing". But while a comment is usually a statement of opinion as to the merits or demerits of conduct, an inference of fact may also be a comment. There are, in the cases, no clear definitions of what is comment. If a statement appears to be one of opinion or conclusion, it is capable of being comment.* ***To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, on which has expressly or implicitly put before the public for judgement or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea***[19].

Dwar il-kunċett ta' *fair comment*, il-Qorti ta' l-Appell Ingliza fis-sentenza **Spiller v. Joseph** deciza fl-1 ta' Diċembru 2010 osservat illi: *a subsidiary but important issue was what it was that the defendant had to prove in order to establish the defence of fair comment. Counsel for the plaintiff submitted that the defendant had to establish that:* ***(i) the words complained of were comment; (ii) the comment was on facts; (iii) the facts commented on constituted a matter of public interest; (iv) the comment was objectively 'fair'; that is the comment was one that was capable of being honestly founded on the facts to which it related, albeit by someone who was prejudiced and obstinate; (v) the comment represented the defendant's honest opinion***[20]*. If he discharged all these burdens, the defence could none the less be defeated by proof of malice on the part of the defendant, but the onus of proving malice lay on the plaintiff. Both the Court of Appeal and the House of Lords held that there was no burden on the defendant to establish the fifth element. The*

[18] Enfasi tal-Qorti.
[19] Enfasi tal-Qorti.
[20] Enfasi tal-Qorti.

*defendant's honesty was assumed unless the plaintiff could disprove it by establishing malice*[21].

Fil-guriprudenza nostrali jinsab ormai assodat illi: *il-libell bl-istampa jitwettaq kull meta ssir xi imputazzjoni li tista' ċċekken lill-persuna li għaliha tirreferi (kemm jekk espressament jew b'implikazzjoni) fl-istima jew il-ġieħ tas-soċjetà lejha, u dan billi timmira li taqta' lil dik il-persuna mill-istess soċjetà, jew li tesponiha għad-disprezz jew mibegħda tagħha. Min-naħa l-oħra, il-kritika ta' persuna l-iżjed jekk dik il-persuna tkun imdaħħla fil-qasam pubbliku ... ma ssirx minnufiħ passibbli għas-sanzjonijiet tal-libell jekk kemm il-darba tkun waħda serja, oġġettiva u meqjusa, ukoll jekk tkun ħarxa u qawwija ... Minn dan joħroġ li l-eżami ewlieni li għandu jagħmel il-ġudikant, huwa dak li jqis jekk il-kliem ippubblikat jew imxandar, jikkawżax lill-persuna li għaliha dik il-pubblikazzjoni jew xandira tirreferi, nuqqas ta' stima f'għajnejn min ikun qraha jew semagħha. Tali 'udjenza' għandha tiġi meqjusa bħala qarrejja jew semmiegħa ta' dehen normali li jkunu taw lill-kliem pubblikat jew imxandar it-tifsira normali tiegħu ... Illi għar-rigward ta' persuna fil-qasam pubbliku, u partikolarment fil-qasam politiku, il-livell ta' kritika li l-Liġi ta' l-Istampa tittollera, huwa x'aktarx għoli, azzardat u wiesgħa, u ċirkoskritt biss minn prova ta' ħażen jew infondatezza tal-fatti imsemmija jew mid-diċenza pubblika jew xilja ta' abdikazzjoni ta' dmirijiet imposti fuqha. Meta l-persuna li għalija ssir referenza fil-pubblikazzjoni jew ix-xandira li tkun m'hijiex persuna fiżika, imma waħda ġuridika, il-qilla tal-kritika u t-tolleranza tagħha, hija usata sal-grad li mbasta tkun tollerabbli f'soċjetà demokratika. F'dan il-kaz, il-prinċipju ta' l-espressjoni ħielsa huwa mirfud bil-kwistjoni ta' l-interess pubbliku li normalment jimmotiva l-kritika mistħoqqa li għandha ssir dwar persuna involuta fil-ħajja pubblika ... ukoll jekk il-kritika tolqot il-ħajja privata tal-personaġġ pubbliku. Illi għal dak li jirrigwarda l-għamla tal-kritika li ssir, jingħad li waħda mill-forom li tintuża hija l-kumment. Bħalma timplika l-kelma innifisha 'kumment' m'huwiex sempliċi stqarrija ta' fatt, imma tifsira ta' jew fehma dwar fatt li seħħ ... ukoll jekk tkun tifsira preġudikata jew partiġġjana. Fil-qasam politiku, imbagħad, il-kumment jista' jkun maħsub biex joħloq xkiel jew jagħmel ħsara politika lil xi persuna involuta jew biex saħansitra jqanqal disgwid jew taħwid fil-kamp politiku oppost. Illi huwa aċċettat li jekk il-kumment ikun 'ġust' ma jaqax taħt il-pieni tal-malafama jew tal-libell. Il-kwistjoni ta' kummenti li jitqiesu bħala "ġusti" hija waħda li tagħti lok għal problemi kbar minħabba li mhix waħda ċara. ...* ***Biex il-kumment ikun wieħed 'ġust', jeħtieġ li jkun imsejjes fuq ħwejjeġ li sostanzjalment seħħew u li jkunu l-fatti sħaħ****. ...* ***Jekk jirriżulta li l-fatt allegat ma kienx attwalment jeżisti ma tkunx tista' treġi aktar id-difiża tal-kumment ġust****. ...* ***Il-fatt irid jiġi pruvat kif imiss minn min jallega l-kumment ġust dwaru ... daqskemm tant ieħor irid jipprova li s-suġġett li dwaru nkiteb tali kumment, kien wieħed t'interess pubbliku u li l-kumment kien tassew wieħed ġust***[22]*. Kif jintwera li l-fatti imsemmija kienu sostanzjalment minnhom, ikun jifdal li jiġi mistharreġ jekk il-fehma espressa dwarhom jew l-apprezzament jew kritika*

---

[21] Perit Jesmon Mugliett v. Dr. Alfred Sant, Rik. Nru. 39/08 deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-10 ta' Marzu 2014. Dr. Joseph Mifsud v. Norman Darmanin Demajo, Rik. Nru. 7/09 deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-2 ta' Marzu 2017.

[22] Enfasi tal-Qorti.

*misluta minnhom, kinitx fil-limiti tal-jedd ta' l-espressjoni ħielsa kif imfissra aktar qabel. Illi, fuq kollox, l-artikolu jew ix-xandira li tird tiġi mistħarrġa, trid titqiegħed fl-isfond ta' l-attwalità u fil-qafas taċ-ċirkostanzi li tkun saret il-pubblikazzjoni jew xandira li tkun* - **Onor. Anthony sive Ninu Zammit v. Franz Ghirxi, Avviż Nru. 255/07** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Marzu 2010.

Mill-prinċipji ġuridiċi appena ċitati jirriżulta ferm car għalhekk li l-qofol tad-difiża sollevata mill-konvenut għall-azzjoni attriċi hija mhijiex biss il-prova li l-materja trattata jew il-kumment magħmula huwa ta' interess pubbliku iżda trid issir il-prova wkoll li dak minnu affermat/ikkummentat fil-konfront ta' l-attur kien ibbażat fuq fatti veri jew ta' l-inqas fuq fatti sostanzjalment veri. Fin-nuqqas ta' tali prova dak dikjarat mill-konvenut fil-konfront ta' l-attur, anke jekk fiċ-ċirkostanzi taż-żmien li fih ingħad, ossia ftit ġranet qabel l-elezzjoni ġenerali, jista' jitqies ta' interess pubbliku, ma jistax u ma għandux jitqies la bħala *fair comment* u wisq inqas bħala *value judgement*, iżda għandu jitqies bħala dikjarazzjonijiet malafamanti fil-konfront ta' l-istess attur.

In sostenn ta' dak minnu affermat fil-konfront ta' l-attur il-konvenut, fl-affidavit[23] tiegħu ddikjara: *din kienet intervista b'kontenut politiku marbut ma' l-elezzjoni ġenerali tax-xahar ta' wara u ffokat kemm min-naħa ta' l-intervistatur u kemm min-naħa tiegħi fuq 'issues' politici ewlenin li kienu tqajmu matul il-kampanja elettorali li kienet għaddejja. Kwistjoni ewlenija li qajjem il-Partit Laburista tul il-kampanja elettorali, u fix-xhur ta' qabel, u li jien kont il-ħin kollu nemfasizza, kienet il-kwistjoni ta' l-istandards fil-ħajja pubblika, marbuta ma' l-effiċjenza u s-serjetà fit-tmexxija pubblika; mal-konflitt ta' interessi fost dawk li jieħdu deċiżjonijiet pubbliċi; u mal-korruzzjoni. Jien kont u għadni moralment u politikament konvint li din hi materja ta' l-akbar importanza għal pajjiżna. Bħala Kap ta' l-Oppożizzjoni u Mexxej Laburista dak iż-żmien, kont preokkupat għall-aħħar - kif għadni bħala deputat parlamentari - bid-degradazzjoni fl-istandards tat-tmexxija pubblika, mhux l-anqas fiż-żmien meta Dottor Lawrence Gonzi assuma t-tmexxija tal-gvern bħala Prim' Ministru. Qiest u għadni nqis li din id-degredazzjoni kienet qed twassal għal ħela ta' riżorsi pubbliċi, għal korruzzjoni u għal nuqqas ta' trasparenza u 'accountability' veri. Tħalliet tinxtered klima li fiha jekk ikollok konnessjonijiet tajba mal-poter, tkun tista' ġġibha żewġ fuq kwistjonijiet fejn ma kellek l-ebda dritt li ġġibha żewġ: Waqt li ħaddieħor li kellu id-dritt, għax ma kienx imqabbad tajjeb jew mhux lest iħallas aktar milli suppost, jibqa' l-art. Il-mezzi li sħabi u jien kellna għad-disposizzjoni tagħna biex inwasslu l-messaġġ dwar din il-preokkupazzjoni kienu politiċi. L-abbuż tal-poter u x-xniexel tal-korruzzjoni fil-ħajja pubblika huma protetti minn omertà proverbjali, marbuta bl-azzar. Aktar u aktar bil-protezzjoni hi effettiva meta min jaġixxi kontra l-korruzzjoni, ma jkollux poteri ta' investigazzjoni eżekuttiva, posizzjoni li naturalment kull Oppożiżżjoni f'demokrazija parlamentari issib ruħha fiha. Anki b'dawn il-poteri li bihom forsi ssammar każi tal-korruzzjoni fl-abjad u l-iswed b'mod li jorbot f'qorti kriminali, progress fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni dejjem hu mill-aktar diffiċli. Biex jiġri dal-progress, irid ikun hemm żgur każi kbar, kemm*

[23] Fol. 30 sa' 35 tal-proċess.

*għal każi 'zgħar'. Lili u lil sħabi, ma kienx jidhrilna li teżisti din l-attitudni min-naħa tal-gvern ta' Dottor Gonzi. Fis-snin tmenin l-Oppożizzjoni Nazzjonalista ta' dak iż-żmien għamlet karriera sħiħa tesponi bl-istess mod kif għamilna aħna, każi li skont hi kienu ta' korruzzjoni. Il-mexxej Nazzjonalista ta' dak iż-żmien kien għamel l-istqarrija politika li kull min jinsab f'qagħda ta' poter statali u ma jiġġilidx il-korruzzjoni bl-għeruq u x-xniexel jkun hu nnifsu korrott. Din hi stqarrija politika li fiż-żmien li ntqalet u fis-snin ta' wara, kienet aċċettata bħala parti mill-operat politiku leġittimu ta' Oppożizzjoni. Għax naqbel magħha mija fil-mija, fittixt li nsegwiha tul is-snin kollha li kont Kap ta' l-Oppożiżżjoni, inkluż f'dak li għedt fl-intervista mas-Sunday Times, haġa li l-gurnalisti ta' l-istess gazzetta mill-għażla li għamlu tal-mistoqsijiet jidher sew li kienu jafu. L-istqarrijiet li jien għamilt tul l-intervista politika li tajt lis-Sunday Times iridu jinqraw f'dal kuntest. F'demokrazija parlamentari l-għażliet iridu jitpoġġew b'mod li l-elettorat jista' jiġġudika x'inhuma l-problemi reali li qed iġorr il-pajjiż. Dawn l-għażliet iridu għalhekk jitfissru b'mod politiku - u hekk deherli li stenna li għandi nagħmel l-intervistatur tas-Sunday Times, għax kieku ma kienx ipoġġi l-mistoqsijiet li poġġa, kif poġġihom - ħalli l-poplu jkun jista' jasal għall-ġudizzju tiegħu u jagħti jew le s-sanzjoni li jidhirlu li għandu jagħti. Hekk taħdem id-demokrazija parlamentari, mhux l-anqas fi żmien kampanja elettorali meta din id-demokrazija tiġi fl-aqwa tagħha. Niġi issa għall-isfond konkret ta' l-istqarrijiet li għamilt fl-intervista lis-Sunday Times. Dan jissejjes fuq tlitt fatturi: A) id-degradazzjoni fit-tħaddim ta' regoli u kontrolli li kienu jeżistu fis-sistema pubblika kontra l-konflitti ta' interessi u l-abbużi tal-poter; dawn huma meħtieġa biex joħolqu distinzjoni effettiva bejn dak li hu 'proper' u 'improper' fl-amministrazzjoni pubblika. Qed nuża żewġ kelmiet fis-sens strett Ingliż taghhom; B) każi fejn tqajmu mistoqsijiet serji dwar abbużi fl-operat tal-gvern li tħallew bla tweġiba jew li għalihom ingħataw twegibiet li kienu manifestament inadekwati; u C) nuqqas ta' azzjoni biex twissijiet dwar problemi ta' tmexxija li jinqalgħu dwar korruzzjoni jiġu ffaċċjati. Insemmi każi li fost oħrajn kienu jixhdu l-problemi mqanqla minn fattur (A) … (B) …. (C) …* u għadda biex jelenka diversi affermazzjonijiet fir-rigward ta' terzi iżda mhux l-attur.

Għad illi fl-affidavit tiegħu l-konvenut ma ta l-ebda spjega dwar dak minnu affermat fil-konfront ta' l-attur, fix-xhieda li ta waqt is-seduta tas-16 ta' Settembru 2009[24] huwa ddikjara: *dwar dak li jikkonċerna lil Dr. Zammit Dimech, kien każ ieħor li kien ġie a konoxxenza tiegħi fejn fir-rigward tal-kuntratt moghti .. l-MTV li hija show kbira u li fuqha l-gvern Malti kien hareġ sussidji ta' mijiet ta' eluf ta' ewros dak iż-żmien, ix-xogħol li jirrigwarda n-naħa Maltija ta' dak il-kuntratt kien ingħata lill-kumpannija msemmija magħrufa bħala G7 u dan mingħajr ma kien hemm tenders miftuħa pubbliċi liema kumpanija tikkonsisti minn persuni li huma qrib ħafna tal-Partit Nazzjonalista li ħafna minnhom huma ħbieb personali ta' Dr. Zammit Dimech. Nixtieq ngħid li x-xogħol li kellu x'jaqsam ma' l-outside broadcasting permezz ta' unit mobile kien ingħata lill-kumpanija Where's Everybody li dak iż-żmien ukoll kienet qed tiġi inkarigata mill-organiżazzjoni ta' l-attivitajiet soċjali li kien itella' Dr. Zammit Dimech fosthom il-lukanda Radisson. Minn informazzjoni li kelli huwa li dan kien pakkett li waħda tgħin lill-oħra. Fl-*

[24] Fol. 36 u 37 tal-proċess.

*intervista jiena kont għidt li dan kien jammonta għal korruzzjoni politika però qghadt attent li ma ngħidx li Dr. Zammit Dimech fil-fatt huwa korrott. Nixtieq ngħid li effettivament il-G7 kienu mqabbdin ostensibilment minn min effettivament għamel il-kunċert, kienu nies viċin ta' Dr. Francis Zammit Dimech li qalulhom biex iqabbdu din il-kumpanija. Mhux minnu ... ġew imqabbda minn G7 però wara informazzjoni li ġiet mogħtija lilhom minn Malta però m'hinix f'posizzjoni ngħid min huma dawn in-nies.*

B'referenza għal dak affermat mill-konvenut, il-Qorti mill-ewwel tosserva li kuntrarjament ghal dak li qal, u cioè li *fl-intervista jiena kont għidt li dan kien jammonta għal korruzzjoni politika però qghadt attent li ma ngħidx li Dr. Zammit Dimech fil-fatt huwa korrott,* fl-intervista in kwistjoni in risposta għall-mistoqsija *What about the other people on the billboard? You've got (Health Minister) Louis Deguara, (Tourism Minister) Francis Zammit Dimech. Are they corrupt?* il-konvenut bla tlaqliq testwalment wieġeb ***look at Francis Zammit Dimech, for instance. Part of the kickbacks from the MTV concert contracts went into his campaign. He used Where's Everybody financed through the MTV campaign to finances his own public relations campaign. Isn't that corruption?***[25] u għall-mistoqsija ulterjuri *So you're convinced that the Cabinet is corrupt?* Il-konvenut b'mod skjett wieġeb ***Yes***[26].

Fil-fehma tal-Qorti l-affermazzjoni tal-konvenut fil-konfront ta' l-attur hija waħda ċara, u cioè li l-attur huwa korrott. F'tali rigwardjiġi osservat li huwa prinċipju ormai stabbilit li *meta si tratta ta' kliem li huma fihom infushom inġurjuzi, l-animus injuriandi huwa preżunt. ... il-kelma 'malafama' fl-Artikolu 28(1)* [tal-Kap.248 tal-Liġijiet ta' Malta] *'... li l-għan tagħha jkun li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna' ... ma jirriferux għal xi intenzjoni speċicika jew motiv ulterjuri li jrid ikollu l-awtur tal-kitba, l-editur jew il-persuna responsabbli għall-pubblikazzjoni, iżda jirreferu għat-tendenza tal-kliem stampat jew tal-kliem imxandar li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni ta' dak li jkun. "The question is not what the defendant intended, but what reasonable men, knowing the circumstances in which the words were published, would understand to be the meaning. Liability for libel does not depend on the intention of the defamer but on the fact of the defamation. The question is not what the writer of an alleged libel means, but what is the meaning of the words he has used. It is not the defendant's intention, or the meaning in his own mind, that makes the sense of the libel but what was the meaning and inference that would naturally be drawn by reasonable and intelligent persons reading it*[27].

Fid-dawl ta' tali prinċipju ġuridiku, il-Qorti ttenni li fil-kuntest ta' liema saru l-affermazzjonijiet mill-konvenut fil-konfront ta' l-attur u cioè fiż-żmien meta kien se jkun hemm elezzjoni ġenerali fil-pajjiż u per di più in risposta għal mistoqsija speċifika dwar billboard tal-Partit Laburista li kien juri l-uċuh tal-Kabinett ta' dak iz-zmien bil-kelma "Korruzzjoni" fuq tali billboard, ma hemmx dubju li l-konvenut ried jgħid u fil-fatt qal li l-attur huwa korrott.

[25] Enfasi tal-Qorti.
[26] Enfasi tal-Qorti.
[27] Dr. Sandra Caruana v. Joe Mifsud, Appell Civili Nru. 1195/97 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Settembru 2004.

Fir-rigward ta' dak hekk esplicitament affermat mill-konvenut fil-konfront ta' l-attur, il-Qorti tqis li għalkemm korruzzjoni f'pajjiż hija bla dubju ta' xejn kwistjoni ta' interess pubbliku, il-konvenut però ma rnexxilux jipprova li dak minnu appuntu affermat/ikkummentat fil-konfront ta' l-attur huwa bbażat fuq fatti veri jew ta' l-inqas fuq fatti sostanzjalment veri.

Għalkemm il-konvenut saħaq li dak minnu affermat/ikkummentat kien ibbażat fuq informazzjoni li waslet għandu dwar il-każ partikolari ta' l-Isle of MTV, għal xi raġuni tali informazzjoni baqgħet qatt ma ġiet prodotta quddiem il-Qorti biex appuntu dak minnu dikjarat jiġi debitament sostnut u kkonfermat, iktar u iktar meta l-attur bl-iktar mod kategoriku ċaħad dak affermat/ikkummentat fil-konfront tiegħu mill-konvenut. Għad illi l-konvenut saħaq li fil-kuntest partikolari li fiħ qal dak li qal waqt l-intervista in kwistjoni huwa moralment konvint mill-veraċità ta' dak minnu affermat/ikkummentat fil-konfront ta' l-attur, tali konvizjoni ma hijiex affattu suffiċjenti biex dak affermat/ikkummentat ma jitqiesx bhala malafamanti u libelluż u dana billi mhux *leċitu li wieħed jagħmel addebiti malafamanti kontra persuna, anke lejn il-politiku, sempliċement billi jostorhom taħt il-kappa ta' 'konvinzjoni morali' għax dik il-konkluzzjoni kienet inevitabbli mill-fatti kif magħrufa. Aktar ma kienet inevitabbli l-konkluzzjoni, akbar kienet l-enfasi ta' l-allegazzjoni bħala fatt rejalment avvenut*[28].

Dak dikjarat mill-konvenut kemm fl-affidavit tiegħu kif ukoll fix-xhieda li ta waqt is-seduta tas-16 ta' Settembru 2009 ma jistax jitqies bhala prova sodisfacenti tal-verità tal-fatti fuq liema jikkontendi li bbaża l-kritika tiegħu jew aħjar l-addebitu ta' korrott lill-attur u dana billi *d-dritt tal-kritika ma għandux jissarraf f'liċenzja da parti ta' min jagħmel il-kritika li jaddebita fatti li ma jkunux sostanzjalment veri u korretti. Min ilissen diskors malafamanti kellu, biex jeżimi ruħu minn kull responsabilità, jkun f'posizzjoni illi jipprova li tali malafama fil-forma ta' kumment kritiku kienet tirreferi għal u tkun marbuta ma' fatti li jkunu sostanzjalment veri. Il-prova f'dan ir-rigward tal-verità tal-fatti ma setgħetx allura tkun incerta jew approssimattiva għax altriment ma toħloq xejn ħlief innuendo u dubbju*[29]. Dan il-prinċipju huwa bbazat fuq l-osservazzjoni ulterjuri li *l-gurisprudenza ewropeja ma abbandunatx il-massima sagramentali li l-fatti huma sagri u l-kummenti huma veri. Jekk xejn illustrathom sal-punt illi teżiġi biss illi l-fatti jkunu sostanzjalment veri filwaqt li estendiet u għadha qed testendi l-parametri tal-limiti tal-kumment speċjalment fil-konfront ta' persuni fil-hajja pubblika u fuq materji ta' interess pubbliku anke lil hinn sewwa minn dak li kien qabel aċċettat bħala leġittimu. ... Il-Qorti trid biss tafferma l-prinċipju illi l-libertà ta' l-istampa ma timplikax liċenzja għall-ingurja b'addebiti ta' fatti foloz intiżi biex ihammġu l-fama u l-integrità ta' haddieħor u pubblikati mingħajr l-iċken sforz ta' verifika'. Ex abundantia l-Qrati tagħna sottolinejat il-punt illi, f'ċirkustanzi konsimili, id-difiża tal-kumment ġust tisfuma għax kif inhu loġiku* ***'the defence of fair comment does not extend to cover mis-statement of facts,***

[28] Onor. Dr. Joseph M. Fenech v. Louis Cauchi et, Appell Civili Nru. 1555/94 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Jannar 2002.
[29] Etienne Bonello DuPuis noe v. Alfred Grixti, Appell Civili Nru. 778/01 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-15 ta' Dicembru 2003.

***however 'bona fide'***[30] *... Huwa għalhekk bil-wisq raġunat li f'każijiet bħal dawn il-liġi ġustament taħseb għat-tutela riżarċitorja, anke għaliex l-ebda kumment ma' jista' jikkwalifika bħala 'fair' jekk il-fatti rakkontati li fuqhom l-istess kumment hu fondat ma jikkorrispondux għall-verità*[31].

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk il-Qorti tqis li d-difiża sollevata mill-konvenut fuq il-bażi ta' l-espressjoni ta' opinjoni w apprezzament, jew *value judgement*, kif ukoll kritika politika dwar l-amministrazzjoni pubblika u hija *fair comment* fuq materja ta' interess pubbliku, ma treġix u dak minnu affermat fil-konfront ta' l-attur waqt l-intervista rilaxxjata lil Herman Grech, ġurnalist ta' The Times of Malta, liema intervista ġiet imxandra fit-23 ta' Frar 2008 fuq il-website ta' The Times of Malta u publikata f'The Sunday Times ta' l-24 ta' Frar 2008, huwa fil-fatt libelluż u malafamanti fil-konfront ta' l-istess attur u għandu bħala skop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tiegħu.

Stabbilit dan il-fatt jeħtieg issa tiġi trattata l-kwistjoni dwar id-danni pretiżi mill-attur.

Mill-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu baqa' applikabbli għall-każ in eżami a tenur ta' l-Artikolu 25 tal-Kap.579 tal-Liġijiet ta' Malta, joħroġ ċar li l-likwidazzjoni tad-danni li għandhom jiġu akkordati hija mħollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti li għandha għal dan il-fini tieħu in konsiderazzjoni l-gravità tal-każ li jkun quddiemha.

Peress illi fil-fehma tal-Qorti dak affermat mill-konvenut fil-konfront ta' l-attur waqt l-intervista rilaxxjata lil Herman Grech, ġurnalist ta' The Times of Malta, liema intervista ġiet imxandra fit-23 ta' Frar 2008 fuq il-website ta' The Times of Malta u publikata f'The Sunday Times ta' l-24 ta' Frar 2008, huwa fil-fatt libelluż u malafamanti fil-konfront ta' l-istess attur u għandu bħala skop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tiegħu, il-kumpens dovut lill-attur in linea ta' danni minħabba l-malafama kawżata b'dak li ngħad waqt l-imsemmija intervista għandu jkun fis-somma ta' elfejn Euro (€2,000).

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjoni preliminari tal-*lis alibi pendens* sollevata mill-konvenut;
2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha sollevati mill-konvenut;
3. Tilqa' t-talba attrici u tiddikjara li l-kliem tal-konvenut trasmess fit-23 ta' Frar 2008 fuq il-website ta' The Times of Malta u riportat f'The Sunday Times ta' l-24 ta' Frar 2008 huwa libelluż u malafamanti fil-konfront ta' l-attur u għandu bħala skop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tiegħu;

[30] Enfasi tal-Qorti.
[31] Etienne Bonello DuPuis noe v. Alfred Grixti, Appell Civili Nru. 778/01 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-15 ta' Diċembru 2003.

4. Tillikwida l-kumpens dovut lill-attur in linea ta’ danni a tenur ta’ l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Liġijiet ta’ Malta fis-somma ta’ €2,000; u
5. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur l-imsemmija somma ta’ €2,000, bl-imgħax legali dekoribbli mid-data ta’ din is-sentenza sad-data ta’ l-effettiv pagament.

L-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mill-konvenut.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**